

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2011

P7_TC1-COD(2008)0196

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/83/EU.)

ANNESS

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni

Il-Parlament Ewropew jiddispjaċiħ li l-Kunsill ma kienx imħejji biex jilqa' l-pubblikkazzjoni mandatorja tat-tabelli ta' korrelazzjoni fil-kuntest tal-proposta għal Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur. Huwa hawnhekk iddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-trilogo tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar din id-Direttiva ma jippreġudikax l-eżitu tan-negozjati interistituzzjoniali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.

Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tifurmah fi żmien tna-x il-xahar wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja u tagħmel rapport fi tmien il-perjodu tat-traspożizzjoni dwar il-prattika tal-Istati Membri fit-tfassil tat-tabelli tagħhom fejn tintwera, kemm jista' jkun, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri tat-traspożizzjoni, u tagħmilhom pubbliċi.

Il-Parlament Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq biex ikunu inklużi fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur rekwiżiti ta' rrapprtuar mandatorju dwar dawk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jagħtu lill-Istati Membri għażla regolatorja (Artikoli 29, 32 u 33).

Dikjarazzjoni mill-Presidenza Ungerija u l-Presidenzi li ġejjin tal-Kunsill, Pollakka, Daniża u Ċiprijotta, dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni

Huwa hawnhekk iddikjarat li l-ftehim milħuq bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fit-trilogo tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-konsumatur, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma jippreġudikax l-eżitu tan-negozjati interistituzzjoniali dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni.

Dispożizzjonijiet għat-tratturi mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà ***I

P7_TA(2011)0294

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għat-tratturi mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà (COM(2010)0607 – C7-0342/2010 – 2010/0301(COD))

(2012/C 390 E/24)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0607),

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2011

- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0342/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0091/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 6.4.2011, p. 26.

P7_TC1-COD(2010)0301

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għat-tratturi mqiegħda fis-suq skont l-iskema ta' flessibbiltà

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att legislativ finali, d-Direttiva 2011/72/UE.)

Fjuwil użat u skart radjuattiv *

P7_TA(2011)0295

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar l-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-ġestjoni ta' fjuwil użat u ta' skart radjuattiv (COM(2010)0618 – C7-0387/2010 – 2010/0306(NLE))

(2012/C 390 E/25)

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0618),
- wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu, li skonthom il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0387/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,